# MARIUS GRECH

DEI ET APOSTOLICÆ SEDIS GRATIA
EPISCOPUS GAUDISIENSIS

## DIGRIET TA' PROMULGAZZJONI
## TAD-DIGRIET ĠENERALI FUQ IL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Wara li qist:

Id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE magħruf bħala *Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data*;

Il-ħtieġa normattiva kanonika li tartikola b'mod wiesgħa il-Kanoni 220 tal-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku li jħares il-fama tajba u l-privatezza;

It-tagħlim tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II li fil-Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum, *Gaudium et Spes*, f'numru 76 isostni li l-Knisja hi ordinament ġuridiku indipendenti u awtonomu, u li għalhekk għandha d-dritt nattiv u propju li tikseb, tikkonserva informazzjoni u data dwar persuni fidili, entitajiet, u għaqdiet ekkleżjali u tużahom għall-finijiet istituzzjonali;

Il-ħtieġa li din l-attività għandha tħares b'mod xierqa id-dinjità tal-persuna u d-drittijiet fundamentali tagħha;

Il-ħtieġa li l-Knisja taħdem biex tipproteġi id-dritt tal-privatezza kif jixraq lis-sensibilità tas-soċjetà ċivili llum;

Wara li Artiklu 91 ta' *Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data* jistabilixxi li Knejjes fi Stati Membri li għandhom regoli komplessivi b'rabta mal-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar, tali regoli jistgħu jkomplu japplikaw, dment li dawn jinġiebu f'konformità ma' dan ir-Regolament;

Wara li ħarist lejn il-Kanoni 29, 391, u 455 § 4;

**Nippromulga d-Digriet Ġenerali Anness, fil-lingwa ingliża, imsejjaħ *General Decree on the Protection of Data* u nistabilixxi li l-promulgazzjoni sseħħ billi kopja ta' dan id-Digriet titwaħħal u tkun esposta fin-*notice board* tal-Kurja.**

Nistabilixxi wkoll li d-Digriet Ġenerali jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2018.

Mogħti mill-Kurja tal-Isqof, ir-Rabat Għawdex, illum 20 t'April 2018.

MARIUS GRECH + + EPISCOPUS GAUDISIENSIS

| | |
|---|---|
| **Mons. Salv Debrincat** | **✠ Mario Grech** |
| **Kanċellier** | **Isqof ta' Għawdex** |